**Rikors imressaq fit-30 ta' Marzu 2007 — Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej vs Ir-Repubblika tal-Polonja**

**(Kawża C-170/07)**

(2007/C 183/26)

*Lingwa tal-kawża: Il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej (rappreżentanti: J. Hottiaux, K. Herrmann, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Polonja

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tiddikjara li, billi introduċiet il-ħtieġa ta' kontroll tekniku fuq il-vetturi użati importati qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom filwaqt li ħtieġa bħal din ma tapplikax għal vetturi nazzjonali li jinsabu fl-istess sitwazzjoni, ir-Repubblika tal-Polonja naqset mill-obbligi tagħha skond l-Artikolu 28 KE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja tbati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

L-Artikolu 28 KE jipprojbixxi restrizzjonijiet kwantitattivi fuq l-importazzjoni u kull miżura li għandha effett ekwivalenti bejn l-Istati. Skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fin-nuqqas ta' armonizzazzjoni, "kull liġi kummerċjali ta' l-Istati Membri li tista' tostakola direttament jew indirettament, bħala fatt jew potenzjalment, l-iskambji komunitarji hija kkunsidrata miżura ta' effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva".

Miżura li għandha effett ekwivalenti għal restrizzjoni kwantitattiva tammonta għal ksur ta' l-Artikolu 28 KE fejn din mhijiex iġġustifikata, fuq il-bażi ta' l-Artikolu 30 KE jew skond il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' ħtieġa obbligatorja imposta fl-interess ġenerali.

Il-liġi Pollakka "Prawo o ruchu drogowym" (Kodiċi tat-traffiku) timponi l-obbligu li jseħħ kontroll tekniku qabel l-ewwel reġistrazzjoni tal-vettura fil-Polonja. Sakemm il-karozzi ġodda huma eżentati minn obbligu bħal dan, fil-prattika huma biss il-karozzi użati importati minn Stati membri oħra li huma ssuġġettati għall-kontroll tekniku obbligatorju qabel l-ewwel reġistrazzjoni tagħhom fil-Polonja. Konsegwentement, il-ħtieġa ta' kontroll bħal din tammonta għal miżura diskriminatorja tal-vetturi importati minn Stati Membri oħra fir-rigward ta' vetturi nazzjonali. Il-konklużjoni msemmija hawn hija wkoll ikkonfermata mill-fatt li l-awtoritajiet Pollakki jimponu, sabiex iwettqu kontroll tekniku, taxxa li hija għall-inqas darbtejn għola mit-taxxa għall-kontroll perjodiku ta' vettura nazzjonali ta' l-istess kategorija. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-awtoritajiet Pollakki ma tawx spjegazzjoni raġjonevoli għal distinzjoni bħal din. Fid-dawl tal-ġurisprudenza kollha, regoli nazzjonali li jimponu spejjeż addizzjonali fuq l-oġġetti importati pparagunat ma' oġġetti simili nazzjonali, jammontaw għal restrizzjoni għall-iskambji intrakomunitarji skond l-Artikolu 28 KE.

Sabiex jiġġustifika miżura bħal din, Stat Membru jrid juri li din hija neċessarja u proporzjonata għal dan l-iskop. Skond l-Artikolu 30 miżura bħal din m'għandhiex tammonta għal mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarju jew ta' restrizzjoni moħbija fl-iskambji bejn Stati Membri.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni ssostni li l-istat tal-vettura jirriżulta mill-użu tagħha fit-toroq mill-mument li l-aħħar kontroll tekniku jrid jiġġustifika, fid-dawl tal-ħarsien tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni, il-kontroll imwettaq fil-mument tar-reġistrazzjoni, permezz tal-konstatazzjoni li l-vettura ma kinitx involuta f'inċident u tinsab f'kundizzjoni teknika tajba. L-Istati Membri b'hekk jistgħu jissuġġettaw il-vetturi għal kontroll tekniku qabel ir-reġistrazzjoni bil-kundizzjoni li ħtieġa bħal din ma tammontax għal diskriminazzjoni arbitrarja, jiġifieri li tkun tirrigwarda kemm il-vetturi importati minn Stati Membri oħra, kemm vetturi nazzjonali, li jinsabu f'sitwazzjoni simili. Meta min-naħa l-oħra regoli nazzjonali ma jeħtiġux kontroll tekniku għall-vetturi nazzjonali ddikkjarati għall-finijiet ta' reġistrazzjoni, li huma fl-istess stat ta' vetturi importati minn Stati Membri oħra, regoli bħal għandhom jitqiesu li huma diskriminatorji.

Barra minn hek, il-Kummissjoni hija ta' l-opinjoni li l-leġiżlazzjoni Pollakka li tillimita l-iskambji intrakomunitarji ma tistax tkun iġġustifikata bħala forma ta' protezzjoni tas-saħħa u tal-ħajja tal-persuni meta ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' neċessità u ta' proporzionalità.

L-ewwel lok, jekk il-vettura ġiet approvata permezz tal-kontroll tekniku ta' l-istat tekniku f'wieħed mill-Istati Membri, il-prinċipju ta' ekwivalenza u ta' għarfien reċiproku li jirriżulta mill-Artikolu 3, nru 2, tad-Direttiva tal-Kunsill 96/96/KE jobbliga lill-Istati Membri kollha jirrikonoxxu ċ-ċertifikat maħruġ f'dan il-każ bħal li kieku kien maħruġ minn Stati bħal dawn. Il-Kummissjoni għandha tirrifjuta l-argument ta' l-awtoritajiet Pollakki dwar l-invalidità tal-kontrolli perjodiċi li jseħħu fi Stat Membru ieħor. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, in-notament fid-dokumenti ta' reġistrazzjoni li seħħet reġistrazzjoni ġdida tal-vettura mhijiex intiża li tinvalida ċ-ċertifikati kollha ta' kontroll tekniku tal-vettura, anzi r-reġistrazzjoni ġdida tal-vettura m'għandhiex x'taqsam ma' l-istat tekniku tagħha. Fit-tieni lok, kontroll selettiv ikun aktar proporzjonat fid-dawl tal-protezzjoni tas-saħħa fit-triq fejn kellha tirrigwarda esklużivament dawk il-vetturi importati minn Stati Membri oħra li għalihom hemm ħjiel fondat li jkunu theddida għas-sigurtà fit-triq jew ambjentali. Fit-tielet lok, il-Kummissjoni ma taqbilx ma' l-argument tal-Gvern Pollakk li l-kontrolli tekniċi huma neċessarji fir-rigward ta' l-identifikazzjoni tal-vetturi u għall-ġlieda kontra l-kriminalità. Fl-opinjoni tal-Kummissjoni, l-implementazzjoni ta' kontrolli tekniċi dettaljati li l-ispiża tagħhom titla' għal kważi d-doppju ta' dawk tal-kontrolli tekniċi perjodiċi, mhux neċessarji sabiex tiġi stabbilita l-kategorija, is-subkategorija, l-użu jew it-tip ta' vettura. Bħala regola, informazzjoni bħal din diġà tidher fid-dokumenti tal-vettura li

jiġu ppreżentati lil awtoritajiet Pollakki ta' reġistrazzjoni. Firraba' lok, il-Kummissjoni tirrifjuta l-argument ta' l-awtoritajiet Pollakki li jirrigwarda l-Konvenzjoni ta' Vjenna. Skond il-Kummissjoni, in-nuqqas ta' leġiżlazzjoni xierqa fuq livell internazzjonali m'għandu l-ebda effett fuq l-influwenza fuq l-obbligi tar-Repubblika tal-Polonja fil-konfront tal-Komunità.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Sozialgericht Stuttgart (il-Ġermanja) fit-2 ta' Mejju 2007 — Krystyna Zablocka-Weyhermüller gegen Land Baden vs Württemberg**

**(Kawża C-221/07)**

(2007/C 183/27)

*Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Sozialgericht Stuttgart

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Krystyna Zablocka-Weyhermüller

*Konvenuta:* Land Baden-Württemberg

**Domandi preliminari**

Ir-restrizzjonijiet għal benefiċċji stabbiliti fil-liġi Ġermaniża tas-sigurtà soċjali fl-Artikolu 64e tal-Bundesversorgungsgesetz (Liġi Federali dwar il-pensjonijiet tal-gwerra — BVG), applikabbli għal dawk intitolati li għandhom id-domiċilju jew ir-residenza abitwali tagħhom fil-Polonja bħala Stat Membru ġdid ta' l-UE, huma konformi mad-dritt Komunitarju ta' livell għola, b'mod partikolari mill-perspettiva tal-libertà ta' moviment?

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Landau/Isar (Il-Ġermanja) fis-7 ta' Mejju 2007 — kawża kriminali kontra Rainer Günther Möginger**

**(Kawża C-225/07)**

(2007/C 183/28)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Landau/Isar.

**Konvenut fil-kawża prinċipali**

Rainer Günther Möginger

**Domandi preliminari**

1) L-Artikoli 1(2), 7(1)(b), 8(2) u (4), u 9 tad-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar il-liċenzji tas-sewqan ([1]), kif emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 97/26/KE, tat-2 ta' Ġunju 1997 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva"),

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu li Stat Membru jirrifjuta li jirrikonoxxi liċenzja tas-sewqan maħruġa minn Stat Membru ieħor meta, fit-territorju ta' l-ewwel Stat Membru, il-possessur tal-liċenzja tas-sewqan kien ġie suġġett għal deċiżjoni ta' revoka jew ta' annullament ta' liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-istess Stat Membru, u meta l-perijodu ta' projbizzjoni temporanja għall-ksib ta' liċenzja ġdida, imposta f'din id-deċiżjoni, ma jkunx għadu skada qabel id-data tal-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan min-naħa ta' l-Istat Membru l-ieħor?

2) F'każ ta' risposta affermattiva għall-ewwel domanda,

   l-imsemmija Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li l-qrati u l-awtoritajiet amministrattivi ta' l-ewwel Stat Membru jistgħu jinjoraw il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku meta l-possessur ta' liċenzja tas-sewqan, fil-każ speċifiku ta' abbuż ta' dritt, jiġi pprojbit milli jagħmel użu mil-liċenzja tas-sewqan miksuba fi Stat Membru ieħor ta' l-UE, b'mod partikolari meta, minkejja li ġew sodisfatti r-rekwiżiti previsti mid-dritt Komunitarju, minn analiżi taċ-ċirkustanzi oġġettivi kollha jirriżulta li l-għan tar-regoli tad-Direttiva ma ntlaħaqx, u meta jeżisti element suġġettiv li jikkonsisti fir-rieda li jinkiseb vantaġġ previst mid-dritt Komunitarju fil-forma tar-rikonoxximent tal-liċenzja tas-sewqan fi Stat Membru ieħor ta' l-UE, billi jinħolqu arbitrarjament il-kundizzjonijiet meħtieġa għal dan il-għan,

---